bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

MAĠISTRAT ANTONIO MIZZI

Il-Pulizija
(Sp Stephen Micallef)
vs
Peter Galea, iben Francis
imwieled Pieta' fis-17
ta' ottubru, 1974

Illum, 17 ta' jannar, 2001

Il-Qorti
Rat iċ-ċitazzjoni kontra l-imputat -
1. talli fit-30 ta' novembru, 1999 u fil-ġranet qabel din id-data, f'Ħal-Għaxaq, b'diversi azzjonijiet magħmula minnu anki fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, bħala l-persuna responsabbli tal-fond li għadu qed jinbena u li jġib in-numru 142, St. Philip Street, Għaxaq ikkometta serq tal-ilma tax-xorb fl-ammont ta' Lm125.40 għad-detriment tal-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bl-ammont u bil-ħin;
2. talli fit-30 ta'novembru, 1999 waqt li kien qed jagħti x-xhieda tiegħu taħt ġurament f'inkjesta Maġisterjali, quddiem il-perit tekniku Hugh Camilleri ta xhieda falza;
3. talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanżi volontarjament għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor għad-detriment tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma.
Il-Qorti ġiet mitluba li minbarra li tagħti l-piena stabbilita' mill-Liġi tordna lill-imputat li jħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali eżebita fis-seduta tas-17 ta' jannar, 2001 fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' jannar, 2001 fejn ir-rappresentant tal-Water Services Corporation informa li l-meritu ta' din il-kawża hu ta' danni nvolontarji minn terżi u mhux ta' serq mill-imputat. Inoltre, rat id-dikjarazzjoni tal-prosekuzzjoni li fil-kors tal-investigazzjoni ta' dan il-każ irriżulta li ma ttieħed ebda ġurament falz.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu u kwindi tilliberah mill-istess akkużi.